Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

Vs

Calvin Camilleri

Seduta Distrett Mosta

Illum 21 ta' Gunju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

Calvin Camilleri ta' 22 sena iben Robert Paul Camilleri u Sabrina nee Vassallo imwieled il-Pieta' nhar it-2-01-2000 residenti gewwa 51, 'Salina Crt.', Flt 1, Triq Franceisco Ximenes, Naxxar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0009100L.

Talli inti akkuzat li f' dawn il-gzejjer u cioe nhar it-13 ta' Lulju 2022 kif ukoll fil-granet u fil-gimghat ta' qabel:

1. Uzajt xi network jew apparat ta' komunikazzjoni eletronika fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx li jkun gie fornut ghalih, jew traskurajt milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjoni eletronika jew inkella uzajt b'mod mhux kif imiss.

2. U aktar talli fl-istess jiem, lok u cirkostanti gibt ruhek b' mod li tajt fastidju lil Jonathan Pisani meta kont taf jew messek kont taf li dan l-agir kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna.**[1]**

Rat tal-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tal-19 ta' April il-prosekuzzjoni iddikjarat li se tistrieh fuq il-provi in atti u d-difiza ghamlet is-sottomissjonijiet finali taghha.[2]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda rapport li ghamel Jonathan Pisani fejn allega li fit-13 ta' Lulju 2022 u fil-jiem u fil-gimghat ta' qabel ircieva telefonati anonimi fuq ic-cellulari tieghu u li dawn kienu qed jiffastidjawh.

[1] Folio 1 tal-process.
[2] Folio 16 tal-process.

Il-pulizija investigat il-kaz u sabet li n-numru li minnu kienu qed isiru it-telefonati kien jghajjat lill-akkuzat.  Dan wara li ikkonsulta mal-avukat tieghu ammetta li kien qed jaghmel dawn it-telefonatai u qal li kien qed jaghmilhom minhabba li Pisani kien qed jghid li hu midjun.

**Provi**

Xehdet **PS 2224 Susanne Mifsud** li stqarret li fit-13 ta' Lulju 2022 mar Jonathan Pisani l-ghassa tal-Mosta fejn qal li kien qed jircievi diversi telefonati anonimi li kienu qed idejjquh fuq in-numru 79016016.  Dawn it-telefonati saru fid-9 ta'Lulju 2022 fit-15.51 hrs u fit- 13 ta' Lulju 2022 fis-13.46hrs.

Minn investigazzjonijiet li saru mill-pulizija dawn it-telefonati saru minn numru 77070020 li jghajjat lill-imputat.

L-imputat imsejjah l-ghassa u wara li ikkonsulta mal-avukat tieghu ammetta li ghamel dawn it-telefonati lill-imputat u qal li kien ghamilhom ghax waslitlu informazzjoni li l-imputat kien qed jghid li hu midjun.[3]

Xehed **Anthony Bonnici** ghas-socjeta' Go plc fejn ezebixxa a folio 14 tal-process il-kuntatt li sar bejn iz-zewg numru indikati lilu mill-pulizija fl-investigazzjoni taghhom.[4]

[3] Folio 6 tal-process.
[4] Folio 14 tal-process.

Xehed **Jonathan Pisani** nhar id-19 ta' April 2024 u jghid li d-data ma jiftakarhiex u jghid li r-rapport ghamlu fuq telefonati u theddid anonimu. Jghid li kienu jsemmulu l-familja. Jghid li ghal bidu ma kienx jaghti kax ghax kien jahsibha cajta. Jghid li kien jircevihom fil-hinijiet bikrijin ta' fil-ghodu. Jghid li hu jaf lil-imputat u qatt ma kellu xejn kontrih. Meta skopra li kien hu ixxokja ruhu. Dan kien qabel stiednu biex jahdem mieghu.

Kontro-ezaminat jghid li jafu bhala player u xtaqu jahdem mieghu.

**Ikkunsidrat:**

**Minghajr dubbju it-telepfonati anonimi huma ikkundannabbli pero' il-Qorti tosserva li l-affidavit ta' Anthony Bonnici huwa fjakk wisq. La nafu lil min kien jghajjat il-mobile 79016016 fid-9 ta' Lulju 2022 u fit-13 ta' Lulju 2022 u wisq anqas lil min kien jghajjat il-mobile 77070020 fl-istess granet. Hemm biss li kien hemm kuntatti fuq dawn il-mobile.**

Bil-fatt wahdu li fl-istqarrija tal-imputat huwa jammetti li kien jaghmel telefonati anonimi ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali li dawk it-telefonati saru mill-imputat **fid-dati indikati fic-citazzjoni.** Il-holqa tal-provi mhix shiha!

**Il-prosekuzzjoni kellha torbot il-mobile tal-kwerelant u l-mobile tas-suspettat mad-dati u l-perjodu indikat fic-citazzjoni. Dan ma**

**ghamlitux u allura din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputat mill-akkuzi dedotti kontrih.**

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikolu 48(1)(d) tal-Kap 399 u l-artikolu 251(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **qed TILLIBERA lill-imputat minn kull htija u piena.**

Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.